

Lulju 2019 — Ħarġa 324

# Ħolqa Bejnietna

**Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn**

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## Sant'Anna tagħtina missjoni

Meta wieħed jifli sewwa l-koppja Sant'Anna u San Ġwakkin ninnotaw ħeġġa kbira għal Alla, li jkunu qrib tiegħu, li jisimgħu l-vuċi tiegħu mill-Iskrittura Mqaddsa u jieħdu sehem miegħu fil-missjoni li huwa afdalhom f'idejhom. Ilkoll nafu li Anna u Ġwakkin quddiem ix-xewqa li jibnu l-familja tagħhom żgur li kienet iebsa biex jifhmu l-pjan ta' Alla. Għalkemm kellhom jiffaċjaw l-isfidi li ġib magħha l-ħajja ma poġġew qatt fil-ġenb il-fidi u t-tama tagħhom fil-Missier. Quddiem il-mistoqsijiet bla tweġiba tal-ħajja, Anna u Ġwakkin baqgħu jafdaw f'Alla u b'responsabbiltà għexu l-missjoni tagħhom b'umiltà u b'fedeltà.

**Aħna qed naqdu l-missjoni tagħna b'umiltà ub'fedeltà?**
Sant'Anna tfakkarna li permezz tas-Sagramenttal-Magħmudija aħna membri tal-Ġisem ta'Kristu li hija l-Knisja. Aħna u niċċelebraw il-festaparrokkjali tagħna, Sant'Anna bħalha ommtwassalna lejn il-ħajja ġdida li aħna ksibnapermezz tan-neputi tagħha, li lum isejħilna biex inkunu xhieda tal-Evanġelju tiegħu. Sant'Anna tixtieq li aħna niċċelebraw festa bis-sens. Il-festa tagħna trid twassalna biex nifirħu u nirringrazzjaw lil Alla flimkien għad-don tal-ħajja u bl-umiltà kollha naslu biex inkunu -aħwa ta' xulxin. Il-festa tagħna tgħinna biex niċċelebraw b'mod estern dak li aħna nidħlu quddiemu b'fidi kull nhar ta' Ħadd meta niċċelebraw il-Kelma ta' Alla u l-Ewkaristija fil-quddiesa. Din hija l-Knisja li fiha nsibu l-Omm tagħna Sant'Anna li tinterċedi għalina biex aħna nkunu dixxipli missunarji ta' Ġesù. Dan ikompli jsir bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li jimliena bil-kuraġġ biex noħorġu mill-knisja u nibnu dinja ġdida fil-familji u fis-soċjetà tagħna.

Flimkien ma' sħabi s-saċerdoti nixtiequ nirringrazzjaw lil kulħadd għas-sagrifiċċji kollha li tant voluntiera qed jagħmlu għas-sabiħ tal-festa tagħna. Ejjew inkomplu nħeġġu lil xulxin sabiex il-ferħ tal-festa jwassalna biex nimitaw il-familja ta' Marija Santissima, Anna u Ġwakkin u nħalluhom ikompl jagħmluna dixxipli missjunarji fil-vokazzjoni li Alla qed jafdana biha. Il-festa t-tajba. Kunu mberkin

**Nagħtu merħba lil Dun Mario Mercieca, li matul dan is-sajf se jkun qed jagħmel esperjenza pastorali fil-Parroċċa tagħna bħala djaknu. Nawgurawlu u nitolbu għalih.**

## Bijografija ta' Dun Mario Mercieca



Mario Mercieca twieled, il-Belt Victoria, fis-27 ta' Frar 1993. Irċieva l-edukazzjoni primarja fl-Iskola Laura Vicuna, l-Għasri u fl-Iskola Sir Arturo Mercieca, il-Belt Victoria. L-edukazzjoni Sekondarja għamilha fl-iskola Ninu Cremona, il-Belt Victoria.

Wara l-kors fl-Istitut Postsekondarju Sir M.A. Refalo, il-Belt Victoria, f'Ġunju 2012, Mario, talab biex jidħol is-Seminarju. Hu għamel is-sena propedewtika tiegħu fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù.

Beda l-kors bħala seminarist, fis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù f'Settembru 2013. Is-sena intermedjarja għamilha fil-Parroċċa ta' *Regina Pacis*, fir-raħal ta' Centobuchi, ġewwa d-djoċesi ta' *San Benedetto del Tronto – Ripatransone – Montalto,* fiċ-ċentru tal-Italja. Lura mis-sena intermedjarja, f'Settembru 2017 kompla l-kors tiegħu fis-Seminarju.

Tul il-formazzjoni tiegħu, Mario għamel esperjenzi pastorali fil-Parroċċi tal-Fontana, il-Munxar, San Lawrenz u preżentament fin-Nadur.

Ġie ordnat Djaknu fil-Katidral tal-Assunta fl-14 ta' Ġunju 2019 minn idejn l-Isqof Mario Grech.

Tul dan is-sajf sejjer ikun qed jagħmel esperjenza ta' ftit ġimgħat ġewwa l-Parroċċa ta' Sant'Anna ġewwa Marsaskala.






# The Chapel of Our Lady of the Rosary

Liam Barlow



In January 2012, the chapel of Our Lady of the Rosary became the centre for the weekly celebration of Mass in English at Marsaskala.

Approximately 18 different nationalities from across the world, each with their own language and culture, but joined together through the common language of English, come to the chapel each Sunday to hear the Word of God.

The Chapel radiates warmth, welcome and friendship that comes, not from the lovely ambience of its setting, but from the hearts of the people who go there and experience a sense of belonging, a sense of love, a sense of home even though home for some, may be thousands of miles distant. It is a place where there are no strangers. The communion with the Spirit is felt in a real and meaningful way; where the breaking of the Word is further enriched by a choir formed by our Filipino brethren, thus adding to the feeling of unification of Christ's children across the world.

# THE SHOW MUST GO ON!

It-tema magħżula għal din is-sena hija 'The show must go on!" Wara s-suċċess tas-sena l-oħra, il-kumitat qed jaħdem bis-sħiħ biex waqt din is-serata jorganizza attivitajiet ġodda, filwaqt li jsaħħaħ dawk li kien hemm. Se kun hemm varjetà ta' kant u żfin mtella miż-żgħażagħ Skalin, logħob, ikel u attrazzjonijiet oħra. Is-serata ser tittella' **nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju 2019, fuq is-simenta mis-7:30pm 'il quddiem.** Inħeġġukhom li żżommu dan l-appuntament magħna ħalli ngawdu l-festa flimkien.

Narawkom!



Louisa Grech







# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Lulju 2019

| | |
|---|---|
| 29 ta' Ġunju | Illum nifirħu u nitolbu għall-kappillan tagħna Fr Roderick Camilleri f'għeluq is-7 snin mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Nirringrazzjawh għall-imħabba kbira li biha jindokra l-familja Parrokkjali tagħna bħala r-ragħaj spiritwali. |
| 1 It-Tnejn | Nifirħu u nitolbu għal Dun Luke Cutajar f'għeluq il-ħames sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. |
| **1-5 ta' Lulju** | **Fis-7:30pm Ġimgħa ta' Tagħlim organizzata mis-Soċjetà tal-Museum fuq is-Simenta. Il-laqgħat jitmexxew mill-membri tal-Museum.** |
| 5 Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Wara l-quddiesa tas-6.30pm ikollna adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| **7 Il-Ħadd** | **L-14-il Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 8-10 ta' Lulju | **Reġistrazzjoni għall-Klassijiet tal-Katekiżmu 2019 - 2020** |
| | It-tfal li twieldu fis-snin 2013 u 2014 li minn Ottubru li ġej se jattendu għall-formazzjoni Kateketika, fiċ-ċentri tal-Katekiżmu tal-Parroċċa tagħna, jiġifieri fil-Museum tas-Subien, il-Museum tal-Bniet, iċ-Ċentru tal-Munxar u ċ-Ċentru tal-Katekiżmu fis-Sala Sant'Anna, iridu jiġu reġistrati minn qabel. Ir-Reġistrazzjoni tat-tfal se ssir fis-Sala Sant'Anna bejn l-4:30pm u s-7:30pm. |
| 11 Il-Ħamis | Fis-7.30pm Quddiesa bi tħejjija għall-festa fi Pjazza Charles Clews in-naħa tal-Gidwet. |
| 13 Is-Sibt | Fil-5:15pm Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| **14 Il-Ħadd** | **Il-15-il Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| | Fis-7:30pm tombla fuq is-Simenta. |
| 16 It-Tlieta | Fis-7.30pm Quddiesa bi tħejjija għall-festa fi Triq il-Gross in-naħa ta' Bellavista. |
| 18 Il-Ħamis | Fis-7.30pm Quddiesa bi tħejjija għall-festa fi Pjazza Antoine Randich, in-naħa taż-Żonqor. |
| 19 Il-Ġimgħa | Fit-8:00pm Ċelebrazzjoni u Adorazzjoni bi tħejjija għall-festa fuq is-Simenta minn Fr Hayden Williams u l-Appostli Franġiskani. |
| 20 Is-Sibt | Nifirħu u nitolbu għal Dun Victor Agius f'għeluq il-ħamsa u erbgħin sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Fit-8:00pm Quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla għall-grazzja tas-Saċerdozju mmexxija minn Dun Victor Agius. |

**Bejn il-21 u t-28 ta' Lulju 2019**
**niċċelebraw il-Festa Parrokkjali tagħna.**
**Jekk jogħġobkom segwu l-programm tal-festa**
**mill-paġni tan-nofs tal-ktieb tal-festa Ħolqa Bejnietna.**

## Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.